tiftiehem, u x-xbieha tagħha tmur dritt fil-fantasja u mill-fantasija fil-qalb; u tħalli fihom dik it-tebħa li ried u li fehem il-kittieb.—xbieha sħiħa u mimlija, f'lewnha u fi fwiħitha, li ġġiegħel lit-tfal iħobbuha, jitgħaxxqu biha, u jnisslu fihom infushom il-ġibda lejn il-ħwejjeġ indaf u sbieħ, lejn il-agħmil u l-imġiba xierqa, lejn il-ħsebijiet li ma jitkaxkrux ma' l-art, iżda jittajru il-fuq, sas-sema: ġibda sabiħa u qawwija li kienet dejjem, u tibqa', is-sies li fuqu jinbena l-karattru u titwettaq ir-rġulija.

*

Hawnhekk imma tixraq mistoqsija:— Fil-Malti għandna poeżija li fil-ħaqq u fis-sewwa joqodilha dan l-isem.

B'idna fuq qalbna u b'wiċċna minn quddiem inwieġbu: Għandna.

Il-mirja għal darb'oħra.

## FRAK

(BIEX MA JINTILEFX)

ALLA KBIR BLA QIES!

Għerfek Mulej hu mingħajr qies... min jifhmu...!
Tiħtar u tħalli (u le għax dan tkun trid) (1)
Illi l-midinba b'rajjhom jiksru dinek
Sabiex minn tagħhom l-għajb tiġbed il-ġid!

R. M. B.

(1) Jiġifieri Alla jippermetti d-dnub, iżda mhux għax iridu. Xejn ma jsir fid-dinja jekk ma joħroġx mis-Santuarju Tiegħu, jew il-permess jew il-cmand.

# ĊENSU MIFSUD BONNICI

Imwieled ġo' Ħall-Qormi fl-1871 mis-Sinjura Virġinja u is-Sur P. Pawl Mifsud Bonnici, bin it-tabib ta' dak ir-raħal, trabba u ħa l-ewwel edukazzjoni fl-Iskola tal-Mellieħa, miftuħa għal l-ewwel darba mill-papà tiegħu u f'idejh fdata sakemm il-mewt ħasditu qasir il-għomor, meta Censinu, it-tieni fost tmien ulied, kien għad għandu xi disa' snin. Il-mewt ħesrem tas-Surmast, missieru, raġġħet ħadithom għal ftit f'Ħall-Qormi, fi ħdan zijiethom, is-Sur Gużè u is-Sur Rikard, ulied għożżieb ta' Dr. Feliċ li kien miet ftit wara t-twelid ta' Ċensu u min hemm għal Ħamrun fejn, żagħżugħ u miżżewweġ, issokta jgħix sal-mewt, barra mis-sentejn li qatta' Għawdex kif laħaq "Storekeeper" fl-Isptar ta' hemm.



Is-Sinjura Virġinja, għalkemm armla, bir-renta żgħira u il-għaqal kbir tagħha rabbiet l'uliedha fl-iskola, kif xerqilhom u Ċensinu ma damx ma ġie mressaq u għadda għal Liceo fejn wera intelliġenza m'hix komuni, l-aktar għal-lsien Ingliż, Taljan u Franċiż. Kif wasal għall-Matrikula, xejn ma sewa it-tħajir ta' ħuh il-kbir, li issa kien laħaq "Skrivan fiċ-ċivil", biex Ċensu jissokta l-istudju għall-professjoni. Deherlu li ma għandux jibqa' aktar ta' tagħbija lill-familja anzi li jfittex hu wcoll igħinha mill-aktar fis. Għalhekk sakemm wasal il-waqt għamilha ta' "Skrivan fil-Public Works" tal-Imdina,